MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 467/2013

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

vs

**Antonio Andolfo**

iben Giuseppe, imwieled Catania, fil-5 ta’ Novembru, 1968, detentur tal-karta ta’ l-identita’ Taljana bin-numru AR3685336(M)

Illum, 13 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Antonio Andolfo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-4 ta’Awwissu 2013 laqa` ghandu hwejjeg misruqa u cioe` BMW X5, bin-numru ta` registrazzjoni DZ475PH, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-

l-artikoli 267, 334(a) u 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu tlett (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Antonio Andolfo tal-4 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevoka fejn instabet htija u tillibera lill-appellant u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. In linea preliminari n-nullita' tas-sentenza appellata. Illi l-Ewwel Qorti liberat lill-esponenti minn l-ewwel akkuza tas-serq u tat kunsiderazzjonijiet dwar 'l ghaliex waslet ghal tali liberatorja, meta in effetti l-prosekuzzjoni kienet irtirat dina l-akkuza fi stadju ferm bikri. Isegwi li l-unika akkuza li l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi fuqha kienet dik dwar ir-ricetazzjoni.

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju, ma' giex pruvat li l-appellanti kellu x-xjenza kriminuza mehtiega sabiex jigi ppruvat ir-reat ta' ricettazzjoni. Irrizulta li l-uniku hsieb li ried jelimina l-esponenti minn mohhu kien jekk fil-vettura li huwa saq, kienx hemm xi sustanzi abbuzivi. Illi *una volta* li huwa kien serrah rasu li kollox kien sewwa allura fi kliemu stess ma' kienx fadallu dwar 'l ghaliex jinkwieta. Illi l-appellanti kien sincier fil-verzjonijiet minnu moghtija u ta kull dettal li kien jaf lill-Pulizija u anke fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Huwa spjega li fuq il-bastiment kien hem numru ta' 'security cameras' u li halla l-vettura fejn jidher fl-apert ix-xatt tal-Belt Valletta u li f'dan l-isfond qatt ma' seta jobsor li in effetti l-vettura kienet misruqa. Tajjeb li hawn wiehed jikkonsidra li hawn ghandna sitwazzjoni differenti minn ricettatur tradizzjonali li jsib oggett bl-irhis u jixtrieh ghaliex gej mis-serq, hawn si tratta ta' persuna li nghata hames mitt euro [euro 500] semplicement ghaliex trasporta vettura minn xatt ghal iehor bil-catamaran. F'dan ix-xenarju assolutament ma' hemm xejn dubjuz li wiehed jemmen kif ghamel l-esponenti li ma' kien hemm xejn hazin f'dina l-operazzjoni. Illi ghalhekk l-appellanti kellu bid-dovut rispett jigi liberat minn l-akkuza ta' ricetazzjoni dedotta kontra tieghu.

3. Illi t-tielet aggravju, dejjem bla pregudizzju huwa dwar il-piena f'kaz li l-ewwel zewg aggravji jigu respinti. Illi l-piena ta' tlett snin prigunerija hija esegerata.

Illi l-esponenti ghandu fedina nadifa. Fl-istqarrija tieghu ma' qaghad jahbi xejn u qal kollox lill-Pulizija tant li anke l-Ewwel Qorti ikummentat dwar dan il-fatt pozittiv. Mhux veru li rrizulta li huwa kien imdahal f'xi attivita ta' serq ta' vetturi kif ikkumentat l-Ewwel Qorti u dana ghaliex huwa kien akkuzat ta' meta nizzel biss il-vettura BMW u b'ebda trasport ta' vettura ohra. Kien sempliciment l-esponenti stess li svela incident li kien sehh qabel. Illi la l-akkuza kienet biss dwar ricetazzjoni tal-BMW, l-Ewwel Qorti ma' kienx imissha fil-kalibrar tal-piena tinkludi wkoll dak li sehh precedentement b'vettura ohra li anqas biss ma' kellha x'taqsam mal-akkuzi odjerni addebitati kontra l-appellanti. Illi ghalhekk certament li l-piena nflitta kienet wahda esegerata u jisthoqilha li tigi aggustata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament ghandu jigi osservat li fis-6 ta' Awwissu, 2013, fil-prezentata, l-appellant kien gie akkuzat li hu serq il-vettura hawn fuq imsemmija u fit-tieni lok gie akkuzat bir-reat ta' ricetazzjoni ta' l-istess.  Illi fit-12 ta' Awissu, 2013 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li kienet qed tirtira l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellant - dik tas-serq.  Ghalhekk, il-provi kollha prodotti kienu jirreferu ghat-tieni akkuza, dik tar-ricettazzjoni.

Illi fid-29 ta' Ottubeu, 2013, l-Ewwel Qorti tat is-sentenza taghha.  Milli jidher, bi svista, naqset milli jirrileva li l-ewwel akkuza kienet giet irtirata.  Madankollu, l-Ewwel Qorti ma sabet ebda prova dwar dan ir-reat u ghalhekk illiberat lill-appellant. Illi l-appellant qed jikkontendi li tali sentenza hija nulla.  Din il-Qorti ma taqbilx ma tali tezi minhabba zewg ragunijiet.  Fl-ewwel lok, ma sabitx htija dwar ir-reat kontemplat. Fit-tieni lok, giet analizzata l-pozizzjoni tal-appellant dwar it-tieni reat. Wara tali analizi, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha u minn analizi

ta' din is-sentenza jirrizulta li l-elementi kollha li ghandha jkollha sentenza hu kollha prezenti fis-sentenza msemmija. Ghalhekk, da l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-abbli difensur tal-appellant ikkontenda li ma hemm ebda prova li l-karozza giet misruqa u fin-nuqqas ta' dan il-fatt l-appellant ma jistax jinstab hati tal-uniku reat li gie addebitat u cioe' ir-reat tar-ricettazzjoni. Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta mix-xhieda ta' Alice Pisano li hi ghamlet rapport li l-karozza taghha giet misruqa. Mhux hi biss ghamlet dan ir-rapport izda mid-dokumenti prodotti jirrizulta li anki lil min kriet din il-karozza ghamel rapport ukoll. It-tieni rapport sar f'belt ohra u jumejn wara s-serq ta' din il-karozza. Tant hu hekk, li Alice Pisano kienet certa li l-karozza giet misruqa ghaliex hi kellha zewg notifiki li xi hadd ignot kien qed jipprova jbaghbas il-GPS ta' din il-karozza. Fil-fatt, l-ahhar darba li l-GPS ta s-sinjali tal-pozizzjoni tal-karozza kien fil-belt ta' Pozzallo, min fejn jitlaq il-catamran ghal Malta.

Illi fil-fehma tal-appellanti ma ra xejn anormali li certu persuna li jisimha 'Gino', u li hu ma jaf xejn dwar l-istess, jinkarigah biex inizzel din il-karozza Malta. Ta' dan hu rcieva hames mitt euro u il-prezz tal-biljett ghall-karozza u ghalih. L-unika haga li hu ghamel kienet li fittex jekk fil-karozza kien hemm xi haga llegali. L-appellant ma tantx interessah li jkun jaf min hu Gino, jistaqsi ta' min kienet il-karozza jew jekk il-kuntratt ta' kiri ta' l-istess kien estiz ghal barra mill-Italja. Dan il-fatt ta' l-ahhar hu notorju specjalment meta karozza jittiehed barra l-gurisdizzjoni ta' pajjizha. Hemm haga ohra li turi li din ma kinitx semplici operazzjoni li wiehed iwassal karozza kwazi bi pjacir. L-appellant kellu jhalli l-karozza miftuha bic-cavetta go fiha hdejn il-gate, hekk kif tohrog miz-zona tad-dwana. Haga stramba hafna. Kieku kien kollox sew wiehed jistenna li jkun hemm persuna tistenna lill-appellant ezatt kif johrog miz-zona tad-dwana. wiehed ma jridx jinsa li l-appellant lanqas kien zgur li dan 'Gino' kien taljan. Sinjal ckejken li kellu jinduci lill-appellant li jkun kawt. Xejn minn dan, ghaliex kif stqarr hu ried il-flus. Xejn aktar ma kien jinteressah. Illi minn dawn il-fatti kollha johrog car li l-appellant kien jaf perfettament il-provenjenza ta' din il-karozza u ghalhekk l-aggravju tieghu ma jistx jigi milqigh.

Illi t-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. L-Ewwel Qorti kienet perfettament fil-parametri tal-ligi meta erogat il-piena ta' tlett snin prigunerija. Min-

naha l-ohra, ma hemm ebda prova li l-appellant hu mdahhal f'xi cirku ta' kriminalita' organizzat, kif accenat l-Ewwel Qorti u ghalkemm l-appellant semma okkazzjoni ohra li wettaq l-istess operazzjoni dan ma setghetx titttiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena. Dan hu li fehemet din il-Qorti. Fid-dawl ta' dan il-fatt mitigazzjoni fil-piena tkun haga xierqa.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-appellant hati tar-reat ta' ricettazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena ta' tlett snin prigunerija tikkundanna lill-appellant Antonio Andolfo ghal piena ta' sentejn prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------